**L-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici jipproponu:**

Peress li fis-seduta numru 413 ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2021 ingħata *ruling* mill-iSpeaker li fih iddeċieda dwar l-applikabilità tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta), li jitkellem dwar sanzjonijiet, fil-konfront ta' persuni li ma jkunx għadhom Membri tal-Kamra f'dan il-każ l-eks-Prim Ministru Dott. Joseph Muscat;

Peress li permezz ta' rapport bid-data ta' nhar il-5 ta' Ottubru 2020, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kkonkluda li *prima face* l-eks Prim Ministru Joseph Muscat kien wettaq abbuż ta' poter u kiser il-Kodiċi ta' Etika li kien obbligat josserva meta ta struzzjonijiet biex l-eks ministru l-Onor. Konrad Mizzi jinħatar konsulent mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta;

Peress illi fir-*ruling* tiegħu l-iSpeaker ikkonkluda li fil-liġi Maltija m'hemm l-ebda referenza jew provvediment li jista' jimftiehem li t-terminu "Membri tal-Kamra" jinkludi wkoll "eks Membri tal-Parlament" u għalhekk il-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika ma jista' jimponi l-ebda sanzjoni fuq l-eks Prim Ministru Dott. Joseph Muscat;

Peress li huwa ġust u xieraq li persuna li ma tkunx għadha Membru tal-Kamra u li dwarha l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jkun ikkonkluda u ippreżenta rapport lill-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika, ikollha d-dritt li tagħmel sottomissjonijiet qabel il-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika jiddeċiedi fuq waħda jew aktar mis-sanzjonijiet fil-konfront tagħha;

Peress li r-*ruling* tal-Ispeaker imur manifestament kontra l-kelma u l-ispirtu tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika;

Peress li r-*ruling* tal-Ispeaker iġib fix-xejn il-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi tal-Kumitat Permanenti dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika mwaqqaf taħt l-artikolu 26 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika billi jirrendih bla snien fil-konfront ta' min bħal Dott. Joseph Muscat ikun instab ħati ta' abbużi ta' poter u ksur ta' dmirijiet statutorji u etiċi;

Peress li huwa ġust, xieraq u meħtieġ li kull persuna li tkun serviet bħala Membru tal-Kamra tibqa' kontabbli u responsabbli ta' għemilha matul iż-żmien li tkun serviet bħala Membru tal-Kamra u dan mhux biss waqt li tkun qed isservi bħala Membru tal-Kamra iżda anke meta l-persuna ma' tibqax isservi bħala Membru tal-Kamra u dan kif inhi l-prattika stabbilita u segwita b'mod rigoruż fid-demokraziji parlamentari madwar id-dinja;

Peress li dan ir-*ruling* tal-Ispeaker ifisser li Membru tal-Kamra jista' jiżgiċċa faċilment milli jerfa' r-responsabbiltaijiet tal-abbuż li jwettaq meta huwa Membru tal-Kamra;

Peress li dan ir-*ruling* tal-Ispeaker huwa xhieda u konferma li fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, il-Parlament, qed tirrenja impunità istituzzjonalizzata li qed tikkawża ħsara kbira għad-demokrazija u s-saltna tad-dritt f'pajjiżna;

U peress li l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*ruling* tal-iSpeaker li ngħata fis-seduta numru 413 ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2021 għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

L-Onor. Karol Aquilina

L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici

13 ta' Jannar 2021